

Brussell, 2 ta' Settembru 2026
(OR. en)

12637/26

SOC 566
EMPL 319
SAN 633

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tissostitwixxi membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-Estonja

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**li tissostitwixxi membru tal-Bord tat-Tmexxija
tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-Estonja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/126 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-
16 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol
(EU-OSHA), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94¹, u b'mod partikolari l-
Artikolu 4 tiegħu,

¹ ĠU L 30, 31.1.2019, p. 58.

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tat-28 ta' Marzu 2023², il-Kunsill ħatar membri u membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perjodu mill-1 ta' April 2023 sal-31 ta' Marzu 2027.
- (2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Elina SOOMETS, sar vakanti siġġu ta' membru fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern.
- (3) Il-Gvern tal-Estonja ddeżinja kandidat għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Marzu 2023 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) (ĠU L 116, 31.3.2023, p. 19).

Artikolu 1

Is-Sur Marko TALUR huwa maħtur membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol minflok is-Sa Elina SOOMETTS għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Marzu 2027.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
